MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 917/2003

JVM Enterprises Ltd

Vs

Stephen Camilleri

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) rapprezentanti valur ta' membrane u materjal iehor mibjugh u kkonsenjat.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa li huwa hallas dak li kien dovut minnu.

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Is-socjeta attrici qeghda tippretendi l-hlas ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) minghand il-konvenut.

2. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kellu kont kurrenti mas-socjeta attrici. Kien jixtri l-merkanzija u jhallas pagamenti akkont.

3. Min-naha tieghu l-konvenut qieghed jikkontendi li huwa hallas lis-socjeta attrici tant hu hekk li nhargitlu ricevuta [ara fol. 7] fejn jinghad li qieghed isir il-hlas ta' Lm622.50 bhala *"settlement"* sat-12 ta' Settembru 2001.

4. Emanuel Muscat, rapprezentant tas-socjeta attrici xehed li dakinhar li sar l-ahhar pagament inzerta li ma kienx qieghed il-hanut u r-ricevuta nharget mit-tifel. Qal ukoll li kien ghad hemm bilanc minn kont antik li kien ghadu ma thallasx mill-konvenut. Min-naha tieghu l-konvenut ikkonferma li wara li sar l-ahhar pagament kien gie mgharraf [permezz tat-telefon] li kien ittiehed zball fil-konteggi.

5. Is-socjeta attrici pprezentat rendikont ta' l-ammont li tippretendi, filwaqt li l-konvenut ipprezenta *statement* li skond hu nghata mis-socjeta attrici [Dok. SC1] u minn fejn jirrizulta li huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici. Dan id-dokument m'huwiex iffirmat u s-socjeta attrici ddikjarat li qatt ma harget tali *statement*.

6. It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet opposti ghal xulxin. Madankollu hija s-socjeta attrici li trid tipprova li l-konvenut ghadu debitur taghha, u dan in vista ta' dak li jinghad fir-ricevuta a fol. 7 tal-process.

7. Mid-dokument li gie pprezentat mill-konvenut hemm riferenza ghal pagament li sar fl-4 ta' Mejju 2001 fl-ammont ta' Lm500, mentri fir-rendikont li sar mis-socjeta attrici [Dok. JVM4] l-uniku pagament li jinghad li

sar dakinhar huwa ta’ Lm200. F’dokument SC1 jinghad li l-Lm500 thallsu in kwantu ghal Lm200 depozitu fuq container [prezumibilment invoice numru 8603] u Lm300 ***“end balance for year 2000”***.

8. Il-partijiet jidher li qeghdin jaqblu fuq dak li xtara l-konvenut matul is-sena 2001 [ara Dok. JVM4 u Dok. SC1] igifieri:-

| Inv. Nru. | Ammont [Lm] |
|---|---|
| 8595 | 80 |
| 8571 | 89 |
| 8611 | 57 |
| 8628 | 33 |
| 9049 | 66 |
| 9126 | 33.50 |
| 8603 | 5,668 |

**TOTAL……………………Lm6026.50**

9. Mid-dokumenti li pprezenta l-konvenut jirrizulta li matul is-sena 2001 b’kollox hallas is-somma ta’ Lm6026.50. Madankollu fid-dokument SC1 jinghad li minn din is-somma, l-ammont ta’ Lm300 imhallas fl-4 ta’ Mejju 2001 kien jirreferi ghal ***“end balance for year 2000”***. Ghalhekk wiehed ma jistax jimputa dan l-ammont ghall-merkanzija li nxtrat matul is-sena 2001 gialadarba fid-dokument li qieghed jistrieh fuqu l-konvenut jinghad li dak il-hlas sar sabiex jinghalaq il-bilanc ghas-sena 2000. Ghalhekk anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument wiehed kellu jibbaza d-decizjoni tieghu fuq dan id-dokument jirrizulta li fadal x’tithallas is-somma ta’ Lm300.

10. Huwa minnu li nharget ir-ricevuta a fol. 7 izda f’kaz li t-Tribunal iqies biss x’jinghad f’din ir-ricevuta ikun ifisser li l-konvenut ser jarrikixxi ruhu indebitament ghad-detriment tas-socjeta attrici. Dan kemm jekk wiehed kellu jibbaza d-decizjoni tieghu fuq ir-rendikont moghti mis-socjeta attrici u kif ukoll fuq id-dokument li qieghed jistrieh fuqu l-konvenut [Dok. SC1]. Dan zgur li m’huwiex fl-ispirtu ta’ l-

ekwita, principju li t-Tribunal ghandu skond l-Att dwar it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar jara li jigi applikat.

11. Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa sodisfatt li l-verzjoni moghtija mis-socjeta attrici hija minnha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa' t-talba tas-socjeta attrici, bl-imghax mil-lum.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------